# It-Toroq, Djar u l-Popolazzjoni ta' Ħal Luqa matul iż-Żminijiet

*Tagħrif miġbur minn P. Muxi*

Sas-sena 1650 f'Ħal Luqa kont issib sa ħames u sitt toroq. L-ewlenin kienu tnejn, li kienu Triq il-Birgu u Triq l-Imdina. Barra dawn kien hemm Triq il-Marsa li llum insibuha bħala Triq San Pawl. Triq il-Midemmes illum insibuha bl-isem Triq Sant'Andrija, Triq Wied il-Knejjes fejn illum insibu Sqaq Nru 4 fi Triq il-Karmnu. Il-Pjazza tar-raħal kienu jsejħulha l-Misraħ. Taħt il-Ġnien sa ftit ilu kien l-isem li bih il-Ħal Luqin kien għadhom isibu Triq San Ġorġ.

Sas-sena 1655, igħodd mar-raħal kien hemm biss l-inħawi tiegħu. Sebgħin sena wara, it-toroq ta' Ħal Luqa bdew jieħdu xejra oħra. Taħt il-Ġnien, fi Triq is-Salib fejn illum insibu Triq Santa Marija, u fis-Sqaq ta' Martines li llum nafuha bħala Triq il-Parroċċa, tela' u bdew jieħdu xejra'il quddiem.

Triq l-Imdina fejn insibu l-istatwa ta' Sant'Andrija sa tarf ir-raħal beda jissejjaħ Triq Ħal Farruġ. Iż-żewġ toroq żgħar li kien hemm madwar il-bini ta' quddiem il-knisja bdew jissejħu Triq tad-Dawra Żgħira. Is-sqaq ta' wara l-Knisja kien fih biss ħamest idjar. Triq San Niklaw li llum Triq Sant'Andrija Sqaq Nru 1, fis-sena 1720 kien issemma' s-Sqaq ta' Tabuni u llum nafuh bħala Triq Dun Pawl. Il-familja Tabone kellha r-raba' hemm sas-sena 1686, u għalhekk dak iż-żmien kienu jsibuh bħala Ta' Tabuni. L-għelieqi kienu f'idejn Dun Franġisk Tabone. Fl-istess sqaq fi Triq ta' taħt il-Ġnien, ir-raba' baqa'jintirec u wasal f'idejn Dun Pawl Sciberras, tant li sas-sena 1800 is-sqaq kien għadu ma tteħidtx għall-bini. Illum is-sqaq nafuh bħala Triq Dun Pawl.

Żewġ toroq li beda jsir il-bini fihom għal-ħabta tas-sena 1750 kienu Sqaq id-Dokkiena, illum Triq id-Dokkiena kif ukoll is-Sqaq ta' Vennur magħruf sas-sena 1784 bħala Triq ir-Rangu u wara Triq Britannika. Illum insibuh bħala Triq Pawlu Magri.

Ser naraw issa għaliex l-isem ta' Triq il-Birgu kien inbidel għal Triq il-Loġġa. Fi Triq il-Loġġa kien hemm żewġ xebbiet, Tereża u Ġeneroża Muscat li kienu jibżgħu kull darba li kienu jiġu biex jaqsmu għall-faċċata 'l oħra. X'għamlu? F'Settembru 1685, talbu permess lill-Granmastru Gregorio Carafa (1680-1690) biex itellgħu kamra fuq it-triq u min-naħa l-oħra tiġi tagħti għall-ġnien tagħhom. Fis-17 ta' Ottubru, uffiċjal tal-Palazz ġie jara l-post fejn l-aħwa riedu jibnu l-kamra pont li wieħed ġar ilmenti li wieħed seta' jittawwal fuq l-għalqa tiegħu li kellu fil-qrib. L-uffiċjal ma dehrlux li b'daqshekk jinżamm il-permess u laqa' it-talba ta' l-aħwa Muscat. Il-biċċa ma waqfitx hawn għax wasal ilment ieħor, din id-darba minn Inrì Vella u ż-żewġ uliedu kif ukoll għaxar persuni oħra. Dawn qalu li l-loġġa ma riduhiex. Reġa' ġie uffiċjal jgħarbel il-każ u sab li Vella lanqas biss joqgħod fl-istess triq, filwaqt li l-għaxra l-oħra kienu lkoll jiġu minnu. L-uffiċjal tkellem mal-Kappillan, Dun Franġisk Theuma J.U.D. (1683-1711) biex jara jekk l-iskuża ta' Vella kenitx fuq il-purċissjonijiet li kienu jgħaddu mit-triq għall-knisja ta' San Ġakbu. L-uffiċjal sab li l-loġġa ma kienet se tagħmel ħsara lil ħadd għax kienet għolja 18-il filata. Għalhekk fis-17 ta' Diċembru tkompla x-xogħol, u għal mitt sena kienu jsibuha bħala "il-Bieb" ta' Ħal Luqa. Illum m'għadhiex hemm u din it-Triq jisimha Triq San Ġużepp.

Min-nofs is-seklu 17 'il quddiem, naraw aktar kobor. Fir-raħal kont tara 'l hawn u 'l hinn xi dar b'gallerija tal-ġebel. Id-dar ta' Dun Ġann Mari Tonna, kellha gallerija u erba' saljaturi. Fis-sena 1722 tissemma gallerija ta' l-injam.

In-numru ta' djar ġo Ħal Luqa jiddependi mill-popolazzjoni tan-nies. Fis-sena 1592 kien hawn 30 dar iżda meta faqqgħet il-pesta, fis-sena 1618 in-numru kiber għal 200 dar bil-popolazzjoni titla' għal 800 ruħ. Fis-sena 1632, jissemmew 240 dar b'popolazzjoni ta' 1000 ruħ filwaqt li fis-sena 1646, l-għadd ta' nies kien ilaħħaq l-1,082 ruħ. Dan juri li fis-sena 1676 kien hemm tnaqqis fil-popolazzjoni minħabba l-pesta.

Fis-sena 1680 kien hawn numru ta' djar mhux ħażin. Fil-fatt sabu li kien hemm 280 dar filwaqt li fis-sena 1778 kien hemm 261 dar u popolazzjoni ta' 994 ruħ. Fl-1760, l-għadd ta' nies kien ta' 1,195 u tnax-il sena wara, jiġifieri fl-1772 kien hemm 1,295 ruħ. Fl-1830, jiġifieri ftit snin mhux ħażin wara l-pesta tas-sena 1813, sabu li kien hemm 247 dar u kienu joqogħdu 1,235 ruħ ġewwa Ħal Luqa. Wara s-sena 1815, Ħal Luqa kellu 1,449 ruħ, fl-1860 kellu 1,582 ruħ, fl-1890 kellu 2,210 ruħ u 460 dar, fl-1901 kellu 3,670 ruħ u 547 dar, u fl-1911 kellu 3,945 ruħ u 616 dar. Iżda miċ-ċensiment tas-sena 1901 'il quddiem, l-għadd ta'nies kien jinkludi l-anzjani u x-xjuħ ta' l-isptar San Vincenz De Paule.

Fis-snin ta' qabel it-tieni gwerra u wara l-gwerra kien hemm differenza enormi fil-popolazzjoni ta' Ħal Luqa, kif ser naraw f'din it-tabella.

| Sena | Popolazzjoni |
|---|---|
| 1921 | 3,607 |
| 1931 | 4,059 |
| 1948 | 4,318 |
| 1957 | 5,382 |
| 1967 | 5,413 |
| 1985 | 5,585 |

Id-djar vakanti fis-sena 1985 kienu 9.1% filwaqt li l-arja ta' Ħal Luqa hija 6,280km kwadri.

## Il-Prezz u l-Kera tad-Djar

Fis-seklu sbatax, il-prezz tad-djar baqa' bejn wieħed u ieħor l-istess. Dar bi tliet kmamar, maħżen u bitħa nbiegħet 70 skud filwaqt li ħames snin wara, dar b'kamra kbira, kċina, bitħa u għalqa ħallsu 75 skud.

Fis-seklu 17, id-djar kienu jinbiegħu bejn 65 u 85 skud il-waħda. Fis-seklu 18, id-djar kibru u għalhekk għolew il-prezzijiet. Fl-1730, dar li isfel biss kien fiha intrata u żewġ kmamar, kċina bil-forn, mitħna, bitħa bit-taraġ u maqjel, minbarra li kellha kamra oħra fuq, inbiegħet għal 230 skud. Fl-1773, dar oħra bħalha imma mingħajr mitħna u maqjel qamet 200 skud.

Id-dar kienet tinkera bejn tlieta jew ħames skudi fis-sena dejjem skond id-daqs u t-tqassim li jkun fiha. Fl-1728, dar fi Triq iż-Żurrieq, b'intrata, kamra, taraġ bi kċina taħtu u bitħa nkriet għal 3 skudi u 4 rbajja. Dar oħra akbar minnha b'kamra aktar, maqjel u għalqa nkriet għal 4 skudi fis-sena b'ċens għal tletin sena.

B'ċens perpetwu ta' 3 skudi u 2 irbajja fis-sena nkriet dar fi Triq Ħal Farruġ fl-1775. Din kien fiha ntrata, żewġ kmamar isfel, għorfa u bitħa. Fl-1796, dar li kien fiha intrata, bitħa, kamra b'alkova, maħżen u għalqa ngħatat b'ċens għal 99 sena

għall-ħlas ta' 5 skudi u 7 rbajja fis-sena. Fl-1720, Nardu Vella kien qed iħallas 9 skudi fis-sena għal dar li ħa b'ċens mingħand il-Prokuraturi tal-Knisja ta' Ħal Luqa. Din kienet qisha żewġt idjar flimkien, u kienet tikkonsisti f'żewġ intrati, tlett ibtieħi, erba' kmamar fil-pjan terren u kamra fuq. Kien hemm ukoll mitħna magħha, maqjel u għalqa żgħira.

B'hekk tajna ħarsa mat-toroq ta' Ħal Luqa, il-popolazzjoni ta' Ħal Luqa, d-djar u l-kera u l-prezzijiet tagħhom matul is-snin.

**RIFERENZI:**


Bliet u Irħula Maltin ta' Alfie Guillamier

Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha ta' Dun Ġużepp Micallef



GREENLAND

GREEN GROCER

**Fejn il-mara tad-dar issib varjetà ta' ħxejjex u frott frisk bi prezzijiet moderati**

28, 9th April Street, Luqa



TA' MATTI

Għal kull xorta ta' Gwież,
Bexx, Sulfalt, Demel
artifiċjali u prodotti Agrikoli
ta' l-aqwa kwalità irrikorri
għand:-

ALEX AZZOPARDI

Gudja Road, Luqa.

Tel: 809348 - 663593